MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 115/2009

**Red October Co Limited**
**(C 21883)**

**vs**

**Wayne Chetcuti (ID 306001 L) personalment u ghan-nom u in rappresentaza ta' Mozzarella Restaurant**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta rikorrenti fil 25 ta' Marzu 2009 fjen talbet lill dina l-Qorti tordna lill-konvenut Wayne Chetcuti ihallasha s-somma ta' hamest elef, tmein mija u tmintax-il Euro u tmienja u sittin centezmu (€5,818.68) rappresentanti prezz ta' merkanzija varja

mibjugha lilu u kkonsenjata gewwa r-restaurant bl-isem Mozzarella Restaurant, bejn l 20 ta’ Gunju 2006 u il 25 ta’ Gunju 2008, liema ordni tal-Qorti kellha ukoll tinkludi l-hlas tal-imghax mid-data ta’ kull invoice sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-Mandati kawtelatorji 964/09 u 965/09 mahruga kontestwalment mal-ppresentata tal-avviz.

Rat ir-risposta tal-intimat Wayne Chetcuti ippresentta fil 11 ta’ Mejju 2009 illi biha laqgha ghat-talba billi qel illi kellujigi ppruvat li l-merkanzija giet kkonsenjata u l-ammonti mitluba ma humiex dovuti.

Rat ix-xhieda ta’ **Chris Caruana Turner** moghtija fit 28 ta’ Ottubru 2009, Chairman tas-socjeta rikorrenti u ppresenta kemm id-dokument inizzjali illi bih il-konvenut fetah il-kont mas-socjeta rikorrenti, kif ukoll l-invoices kollha relattivi ghal merkanzija mibjugha lill-intimat, debitament iffirmata minn persuna imqabbda mill-istess intimat, li biha kkonfermaw li l-merkanzija wasslet.

Rat ix-xhieda ta’ **Mark Schembri** moghtija fit 28 ta’ Ottubru 2009, ili kien il persuna responsabbli tas-socjeta rikorrenti illi jmur jaghmel l-ordnijiet minghand il-hanut tal-intimat u jipprocessa l-ordnijiet illi jaghmlulu.

Rat l-affidavits ta’ **Keith Zarb** u **Anthony Farrugia** ippresentati fl 1 ta’ Gunju 2010.

Rat ix-xhieda ta’ **Dr Malcom Cassar**, avukat imqabbad mis-socjeta rikorrenti sabiex jigbor il-flus taghha, li kien ikkomunika direttament mal-intimat fejn dana qalu illi xtaq ihallas dak dovut bi pagament rateali filwaqt illi esebixxa email li tikkorrobora tali assrezjonijiet ta’ accettazzjoni tad-debitu.

Rat illi wara sitt tentattivi sabiex tipproduci certa Desmond Scerri bhala xhud, wara illi s-socjeta rikorrenti giet

mgharrfa li x-xhud ma jirrisjedix hemm u ilu hekk ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena, is-socjeta rikorrenti iddikjarat fis-seduta tas 27 ta' April 2012 illi l-provi taghha ienu maghluqa.

Rat illi, wara illi l-konvenut kien inghata zewgt differimenti sabiex iressaq il-provi tieghu, il-konvenut, illi qatt ma deher quddiem il-Qorti fid dsatax-il differiment li kien hemm fil-kawza odjerna, ghajr ghal presenza tal-avukat tieghu, il-Qorti iddikjarat il-provi intimati bhala maghluqa fit 3 ta' Dicembru 2012 u differit il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti.

Rat illi fl 1 ta' Frar 2013, is-socjeta rikorrenti ippresentat in-nota ta' sottomissjonijet taghha izda l-intimat ma ghamel xejn.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna bejgh ta' merkanzija da parte tas-socjeta rikorrenti lill-intimat, illi kellu restaurant bl-isem ta' Mozzarella Restaurant, liema merkanzija inbieghetlu bejn il-periodu tal-20 ta' Gunju 2006 u 25 ta' Gunju 2008.

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta ampjament ippruvat illi l-merkanzija giet attwalment mghoddija lill-intimat, ossija lir-restaurant tieghu, u dana mix-xhieda prodotta mis-socjeta rikorrenti li kienet tinkludi kemm dawk il-persuni li hadu u pprocessaw l-ordni kif ukoll dawk illi qasmu l-istess ordni.

Illi, jirrizulta ampjament ippruvat ukoll illi kien l-intimat personalment illi kien indika lilu nniffsu bhala l-persuna li fuqha kellhom jinhargu l-ordnijiet ghal hanut bl-isem 'Mozzarela Restaurant', u dana kif jidher f'Customer Data

Sheet tas-socjeta rikorrenti iffirmata mill-istess konvenut fl 10 ta' April 2006.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-process odjern huwa unikament tentattiv da parte tal-intimat illi jtawwal il-periodu li fih ikun imgieghel ihallas il-flejjes minnu dovuti, u dana peress illi fl-ebda mument tal-proceduri mal-intimat qatt deher sabiex jikkontesta dak li kien qieghed jinghad quddiemu, u l-Qorti tifhem ukoll illi l-probabbilta' hija li lanqas biss dahal il-Qorti sabiex jippresent l-eccezzjonijiet fil 11 ta' Mejju 2009 peress illi l-ligi ma tirrikjedix illi dawna jkunu guramentati.

Illi l-intimat, tul il-proceduri kollha, ma kellu ebda difiza xi jressaq u l-proceduri odjerni hadu tali zmien sabiex jigu decizi unikament in vsita tal fatt illi s-socjeta rikorrenti insistiet fuq zhud ghal hafna zmien illi, imbghad qatghet qalbha ssib u ddikjarat il-provi maghluq wara ftit anqas minn sentejn tipprova ssibu.

Illi, mill-provi prodotti, jirriuzlta ben car li dak mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut, u huwa dovut mill-intimat personalment

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Rat il-provi prodotti, inkluz ix-xhieda u d-dokumentazzjoni varja ippresentata,

Rat illi l-intimat ma ressaq ebda prova

Tghaddi biex tiddeciedi l-kaz billi

Tichad l-eccezzjonijet kollha u

Tilqa’ t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez u imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------